DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/417

tas-16 ta' Marzu 2018

li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK.

(2) Fit-8 ta' Marzu 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSC") stabbilit skont ir-Riżoluzzjonijiet UNSC 751 (1992) u 1907 (2009) żied żewġ persuni fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/231/PESK għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/231/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ZAHARIEVA

[1] ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17.

ANNESS

Il-persuni elenkati hawn taħt għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/231/PESK:

I. Persuni

16. Ahmad Iman Ali (aka: a) Sheikh Ahmed Iman Ali; b) Shaykh Ahmad Iman Ali; c) Ahmed Iman Ali; d) Abu Zinira)

Data tat-twelid: a) Bejn wieħed u ieħor fl-1973; b) Bejn wieħed u ieħor fl-1974

Post tat-twelid: il-Kenja

Nazzjonalità: il-Kenja

Data tad-dežinjazzjoni min-NU: 8 ta' Marzu 2018

Informazzjoni oħra: Link tal-Internet tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/

Ahmad Iman Ali kien elenkat fit-8 ta' Marzu 2018 skont ir-Riżoluzzjoni 1844 (2008). Ahmad Iman Ali huwa kmandant prominenti Kenjan ta' Al-Shabaab li serva bħala l-mexxej tal-grupp fil-Kenja mill-2012. Huwa d-direttur tal-operazzjonijiet tal-fergħa Kenjana tal-grupp u regolarment ikollu taħt il-mira tiegħu t-truppi Kenjani ta' AMISOM fis-Somalja, bħal f'attakk f'Jannar 2016 fuq it-truppi Kenjani ta' AMISOM f'El Adde, is-Somalja. Ali huwa responsabbli wkoll mill-propoganda ta' Al-Shabab li għandha taħt il-mira tagħha l-gvern u l-popolazzjoni ċivili, bħal f'vidjo f'Lulju 2017 fejn għadda theddid lill-Musulmani li qed iservu fil-forzi tas-sigurtà tal-Kenja. Barra dawn l-attivitajiet, xi drabi Ali aġixxa wkoll ta' persuna li tirrekluta għal Al-Shabaab, fejn kien jiffoka fuq iż-żgħażagħ foqra li jgħixu fil-bassifondi ta' Nairobi, u kien jieħu ħsieb ukoll jiġbor fondi għal Shabaab billi juża l-moskej fi sforz biex jikseb ir-riżorsi. L-għan ġenerali tiegħu hija li l-Kenja tkun destabbilizzata permezz ta' theddid, ippjanar u eżekuzzjoni ta' attakki, u li l-Musulmani żgħażagħ jieħdu sehem fil-ġlieda kontra l-forzi tas-sigurtà Kenjani.

17. Abdifatah Abubakar Abdi (aka: Musa Muhajir)

Data tat-twelid: 15 ta' April 1982

Post tat-twelid: is-Somalja

Nazzjonalità: is-Somalja

Indirizz: a) is-Somalja; b) Mombaża, il-Kenja

Data tad-dežinjazzjoni min-NU: 08 ta' Marzu 2018

Informazzjoni oħra: Link tal-Internet tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/

Abdifatah Abubakar Abdi kien elenkat fit-8 ta' Marzu 2018 skont ir-Riżoluzzjoni 1844 (2008). Fl-2015, Abdifatah Abubakar Abdi tpoġġa fuq il-lista tal-Gvern Kenjan ta' terroristi mfittxija li huma magħrufa jew suspettati li huma membri ta' Al-Shabaab. Il-pulizija Kenjana tirrapporta li Abdi jirrekluta membri għal Al-Shabaab li jipprovdu appoġġ lil Al-Shabaab, entità elenkata fuq il-lista ta' sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għas-Somalja u l-Eritrea, ġewwa s-Somalja u huwa involut f'atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tas-Somalja. Fost dawn ir-rekluti kien hemm tlitt nisa arrestati mill-pulizija Kenjana waqt li kienu qed jippruvaw jidħlu fis-Somalja. Abdi huwa mfittex b'konnessjoni mal-attakk ta' Ġunju 2014 f'Mpeketoni, il-Kenja, fejn inqatlu diversi persuni, u huma mifhum li kien qed jippjana attakki oħra. Abdi jiffoka fuq operazzjonijiet barra s-Somalja, huwa magħruf li jgħix fis-Somalja u jirrekluta individwi għal Al-Shabaab li bi ħsiebhom jaqsmu l-fruntiera bejn il-Kenja u s-Somalja.